**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 6/2018 RM**

**L-Inġinier Carmel Cuschieri eżerċenti l-professjoni bħala 'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers'**

**-Vs-**

**Falbra Limited (C12474) u Roderick Bartoli flimkien u *in solidum* bejniethom**

**Illum, 30 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attur fir-Reġistru tal-Qorti nhar is-16 ta' Jannar 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti iħallsuh *in solidum* bejniethom, l-ammont ta' ħamest elef, tlett mija u tmienja u disghin Euro u sittin centezmu (€5,398.60) dovut bħala drittijiet professjonali forniti lilhom mill-attur fuq inkarigu tagħhom u dan kif jidher mill-fattura numru 1081623 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok A) u mill-kuntratt datat 14 ta' Settembru, 2015 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B).

Bl-imgħax mill-15 ta' Dicembru 2016 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra datata 22 ta' Novembru, 2017, u salv kull dritt iehor spettanti lill-attur.

Rat ir-Risposta[1] ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2018 mill-konvenuti Falbra Limited u Roderick Bartoli, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:-

1. '*Illi preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti, mhux kompetenti ratione valoris sabiex tisma' l-odjerna vertenza stante li l-istess taqa' taht il-gurisdizzjoni u kompetenza esklussiva tat-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar;*

*2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Roderick Bartoli, jeccepixxi illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur;*

*3. Illi in linea preliminari u ukoll, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxu illi r-rikorrenti ghandu jgib il-prova li l-partnership 'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers' hija effettivament partnership registrata mal-Awtorita Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti fil-konfront taghhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda ammont mhu dovut lir-rikorrenti u kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza, u dana stante li kien l-istess rikorrent li naqas milli jottempra ruhu mal-obbligi li accetta li jaghmel u wkoll dak li provdew kien hazin u ma jikkorrispondiex ghal dak li kienu gew mitluba jaghmlu;*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-ammont reklamat huwa eccessiv ghalhekk ghandu jigi ppruvat skond il-Ligi;*

*6. Illi dejjem minghajr pregudizju ghas-suespost, is-socjeta' esponenti teccepixxi illi minhabba dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti kellhom jidhlu f'ispejjez ulterjuri*

[1] Fol. 11 - 12

*sabiex jingaggaw konsulenti ohrajn u anke kkagunalhom dewmien fix-xogholijiet mehtiega li kkawzalhom danni u li minn issa qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprocedu kontra taghhom;*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat illi permezz ta' digriet moghti fis-7 ta' Marzu 2018, ġie ordnat l-inverżjoni tal-provi minħabba l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat illi din il-kawza ġiet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni mogħti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat is-sentenza parzjali mogħtija minnha fl-24 ta' Settembru 2020 fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom u ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiziti fl-atti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur kif awtorizzat bid-digrieti mogħtija fit-12 ta' Frar 2024 u l-25 ta' Marzu 2024;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ppreżentat mis-soċjeta' konvenuta Falbra Limited in ottemperanza tad-digriet mogħti fit-13 ta' Mejju 2024;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur, li jipprattika l-professjoni ta' inginier taħt l-isem Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers, qed jitlob il-ħlas ta' bilanċ dovut lilu fuq drittijiet professjonali li huwa ppresta lill-klienti tiegħu, fis-somma ta' ħamest elef tliet mija u tmienja u disgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€5,398.50)[2].

In linea preliminari, il-konvenuti laqgħu għall-azzjoni billi esiġew li tinġieb prova li 'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers' hija 'partnership' reġistrata mal-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Il-Qorti minnufih tqis illi l-prova rikjesta mill-konvenuti m'hijiex meħtieġa u lanqas m'hi f'lokha u fi kwalsiasi każ, ma tistax tinċidi b'xi mod fuq is-suċċess jew l-eżitu tal-azzjoni. Ibda biex l-attur imkien ma ddikjara la fir-Rikors promotur u lanqas fix-xhieda tiegħu, u ma jirriżulta minn imkien mill-atti proċesswali, li l-isem 'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers' huwa isem ta' xi soċjeta' kummerċjali jew korp jew soċjeta' reġistrata jew rikonoxxuta taħt xi liġi oħra. Tabilħaqq il-Qorti fehmet illi Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers' huwa l-isem tad-ditta tal-inġinerija li jintuża fl-eżerċizzju tal-professjoni tal-attur u l-inġiniera oħra assoċjati miegħu, mhux xi korp bi personalita' ġuridika awtonoma u distinta mill-persuni li jifformaw l-istess ditta. Għalhekk, meta l-attur ippromwova din l-azzjoni għamel dan għall-

[2] Ara invoice Dok. A, datat 15 ta' Diċembru 2016. Fir-Rikors promotur, intalab il-ħlas tas-somma ta' €5,398.60 iżda fl-Affidavit tiegħu, l-attur fisser li qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €5,398.50.

aġġudikazzjoni ta' talba għall-ħlas ta' ammont dovut lilu mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu taħt l-isem Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers, huwa ma kienx qed jaġixxi in rappreżentanza ta' xi korp jew soċjeta' iżda bħala l-attur *de proprio*.

Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li ġie eċċepit mill-konvenuti, m'hi meħtieġa ebda prova dwar reġistrazzjoni ta' xi soċjeta' kummerċjali taħt l-Att dwar il-Kumpanniji għall-fini li jiġi stabbilit xi kwalita' rappreżentattiva tal-attur f'din l-azzjoni.

Illi fil-mertu, il-konvenuti jirrespinġu l-pretensjoni tal-attur billi jikkontendu li l-attur mhux biss naqas milli jwettaq ir-responsabbilitajiet tiegħu taħt il-ftehim, talli s-servizzi li ppresta ma kienux jikkorrispondu għall-istruzzjonijiet lilu mogħtija tant illi s-soċjeta' konvenuta kellha tqabbad konsulenti oħrajn u b'hekk tidħol fi spejjeż żejda. Jikkontendu wkoll li l-ammont mitlub huwa eċċessiv.

Ikkunsidrat;

Illi m'huwiex kontestat illi effettivament l-attur ġie ingaġġat permezz ta' ftehim li jġib id-data tal-14 ta' Settembru 2015[3], liema ftehim ġie ffirmat minnu u mill-konvenut Roderick Bartoli. Fis-sostanza, il-partijiet ftiehmu illi l-attur u d-ditta ta' inġiniera li jifforma parti minnha, kellhom jipprestaw servizzi ta' konsulenza u diżinn tas-servizzi ta' inġinerija elettrika u mekkanika u servizzi oħrajn speċifikatament elenkati fil-ftehim ('*Services to be covered*'), in konnessjoni mal-istabbiliment ossia 'restaurant complex' ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Fil-fatt, mill-provi jirriżulta illi l-proġett li dwaru l-attur ġie ingaġġat biex jagħti s-servizzi ta' inġinerija, kien jikkonsisti f'binja fuq diversi sulari, liema binja dak iż-żmien kienet għadha mhux żviluppata iżda kienu nħarġu l-permessi meħtieġa biex jiġu operati minnha żewġ restaurants u ġelaterija. Tabilħaqq ir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet hija regolata minn dan il-ftehim ('il-

[3] Dok. B anness mar-Rikors promotur.

Ftehim') li fih ġew elenkati espressament ukoll ir-responsabbilitajiet tal-inġinier[4] kif ukoll ir-remunerazzjoni dovuta għall-prestazzjoni tas-servizzi elenkati espressament fil-ftehim. Fil-ftehim ġie stipolat ukoll: "*The engineer may request part payments up to the above total during the execution of this first phase of the works as in proportion to the amount of work completed up to that date.*"

Kif ingħad diġa', l-attur qed jippretendi l-ħlas fis-somma ta' €5,398.50 inkluż VAT rappreżentanti l-prezz ta' servizzi deskritti fl-invoice datat 15 ta' Diċembru 2016 bin-numru 1081623 bħala "*Design including the making of the relevant drawings, specifications, bills of quantities and other engineering documents re the Restaurant Complex at Baħar iċ-Ċagħaq. 2nd Claim on account*".

Hemm qbil illi l-attur kien diġa' irċieva, fid-9 ta' Diċembru 2016, pagament għas-servizzi reżi fuq il-proġett fis-somma ta' €2,655 inkluż VAT, liema ammont kien dovut fuq invoice bin-numru 1031606 maħruġ fis-6 ta' Lulju 2016 għas-servizzi deskritti fl-istess invoice bħala "*Preliminary designs including the making of the relevant drawings including meeting to discuss requirements for the Restaurant Complex at Baħar iċ-Ċagħaq. 1st Claim on account*".

Jirriżulta illi f'xi waqt matul ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, inbidel l-iskop tal-proġett oriġinali u l-klient kien issottometta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet, pjanti arkitettoniċi b'konfigurazzjoni u użu differenti tal-binja biex minflok il-blokk tal-bini jiġi utilizzat għall-operazzjoni ta' żewġ restaurants u gelateria kif oriġinarjament maħsub, l-ogħla sulari tal-binja jintużaw bħala boutique hotel u jiġi eliminat is-sular ta' wieħed mir-restaurants. B'konsegwenza ta' din il-varjazzjoni fil-proġett, jidher li xi diżinni li kienu diġa' ġew imħejjija mill-attur u l-inġiniera assoċjati miegħu abbażi tal-pjanti tal-kostruzzjoni tal-*layout* oriġinali, ma kienux għadhom jgħoddu għall-konfigurazzjoni u destinazzjoni tal-binja l-ġdida.

[4] Dawn ir-responsabbilitajiet jinkludu "*design of all works*", "*preparing … drawings, specifications, schedules, bills of quantities and other engineering documents as are necessary to obtain quotations for the execution of the works and for the proper execution of the works*" u "*supervision of works on a regular basis*."

Il-Qorti fehmet illi l-varjazzjoni fil-proġett oriġinali li dwarha tħejjew pjanti ġodda arkitettoniċi b'*layout* differenti fil-binja, seħħet f'xi waqt bejn it-talba għall-ħlas tal-ewwel pagament abbażi tal-invoice tas-6 ta' Lulju 2016, u t-talba għall-ħlas tat-tieni ammont reklamat fl-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016, mertu ta' din il-kawża. Fil-fatt, l-attur xehed illi f'Settembru 2016 il-konvenut Roderick Bartolo kien bagħat sett ta' pjanti (drawings) ġodda mħejjija mill-perit tal-proġett, il-Perit Philip Micallef, liema pjanti kienu kompletament differenti minn dawk li l-attur kien qed jaħdem fuqhom qabel, fejn il-proġett għal kumpless ta' restaurants kien ġie sostitwit bi proġett għal lukanda. Dan jirriżulta wkoll mill-email li kien bagħat l-attur innifsu fid-9 ta' Settembru 2016 fejn għamel referenza għal "*extension to the original project*" u talab konferma mingħand il-konvenut Roderick Bartoli jekk it-termini tal-ftehim ġia' konkluż bejniethom fir-rigward kienux ser jiġu estiżi biex japplikaw ukoll għall-proġett il-ġdid.

Fix-xhieda tiegħu l-attur ikkonferma illi filwaqt li s-somma ta' €2,655 dovut skont l-ewwel invoice li nħareġ fis-6 ta' Lulju 2016, kienet dovuta għal xogħol ta' diżinni tas-servizzi li kienu laħqu saru, din kienet tirrappreżenta biss parti mill-ammont dovut. Xehed ukoll illi huwa baqa' qatt ma rċieva risposta għall-email li kien bagħat lil Roderick Bartoli fid-9 ta' Settembru 2016 fir-rigward tal-estensjoni tal-ftehim biex ikopri wkoll il-varjazzjoni fil-proġett, u għalhekk, meta bejn Ottubru 2016 u Diċembru 2016 baqa' ma kien hemm ebda komunikazzjoni mingħand Roderick Bartoli, iddeċieda li jitlob il-ħlas tal-kumplament tal-ammont dovut għax-xogħol tad-diżinni li kienu laħqu tlestew u nħareġ l-invoice mertu tal-kawża. Dan ix-xogħol kien jinkludi informazzjoni li ngħatat lill-perit tal-proġett fuq *fire safety* u s-sistemi tad-drenaġġ u *air-conditioning*, kif ukoll applikazzjoni li saret mal-awtoritajiet kompetenti għall-iskavar ta' *boreholes* tal-ilma baħar, fost pariri oħrajn.

Skont l-attur, l-ammont mitlub fl-invoice mertu tal-kawża, Dok. A, fis-somma ta' €5,398.50, jirreferi għax-xogħolijiet u servizzi kollha li ġew prestati lill-klient għall-proġett tar-restaurant, inkluż id-diżinni li kienu laħqu saru iżda ma setgħux jintużaw fuq il-proġett kif mibdul. L-attur xehed li x-xogħolijiet li saru taħt il-ftehim

jikkostitwixxu sittin fil-mija (60%) tax-xogħol kollu li kellu jsir biex jitlestew id-diżinni kompluti tal-proġett oriġinali tar-restaurant complex. Fisser illi dawn id-diżinni ma setgħux jitlestew kollha għaliex il-klient baqa' ma pprovdiex it-tagħrif li kien ġie mitlub jagħti, inkluż id-diżinni tal-proġett mingħand l-*interior design*ers. Għalhekk, id-diżinni li laħqu saru taħt il-ftehim in konnessjoni mal-proġett oriġinali, kienu bbażati fuq l-informazzjoni li kien ġie effettivament supplit mill-klient sal-aħħar tas-sena 2016. L-attur xehed illi erbgħin fil-mija (40%) ta' dawn id-diżinni li kienu tlestew, ma setgħux jintużaw għall-proġett il-ġdid tal-lukanda u kienu qed jitqiesu bħala '*abortive works*', filwaqt li l-għoxrin fil-mija (20%) l-oħra setgħu jiġu applikati għall-proġett il-ġdid. Ikkonferma wkoll illi minħabba x-xogħol li kien intlaħaq tlesta fuq il-proġett oriġinali ma kienx komplut, ma setgħux jinħarġu t-tenders meħtieġa għall-proġett u fi kwalsiasi każ, il-proġett kien inbidel radikalment qabel ma l-proġett tar-'restaurant complex' kien ġie finalizzat mil-lat ta' *interior design*. Minkejja li t-tieni invoice, mertu tal-kawża, baqa' qatt ma tħallas, l-attur qal li baqa' jippresta s-servizzi tiegħu in konnessjoni mal-proġett il-ġdid u kien iltaqa' wkoll mal-*interior design*ers ingaġġati mill-konvenuti, Daa Haus, biex jiddiskutu l-proġett tal-lukanda.

L-attur fisser ukoll, fix-xhieda tiegħu, illi bl-applikazzjoni tal-klawsola relattiva fil-ftehim konkluż ma' Roderick Bartoli, datat 14 ta' Settembru 2015, id-dritt dovut lilu għad-diżinni kompluti kien ta' 2.5% tal-valur kollu tal-proġett u huwa kien ivvaluta l-proġett fis-somma ta' €429,000 (eskluż VAT) abbażi tal-prezzijiet tas-suq imħallsin fuq proġetti simili. Huwa kkalkula r-remunerazzjoni dovuta, maħduma fuq 2.5% tal-valur ta' €429,000, abbażi ta' persentaġġ ta' 40% rappreżentanti x-xogħol ta' diżinni li ma setgħux jintużaw għall-proġett il-ġdid ('abortive works'), u wkoll separatament abbażi ta' persentagg ta' 20% rappreżentanti xogħol ta' diżinni li setgħu jiġu użati fil-proġett tal-lukanda. Xehed ukoll li ma' dan, huwa żied is-somma ta' €390 rappreżentanti dizinni ġodda għall-proġett tal-lukanda u laqgħat mal-*interior design*ers tal-klient, u mbagħad żied il-VAT biex b'kollox ikkwantifika l-ammont dovut lilu fis-somma ta' €8,053.50 li minnu huwa naqqas il-pagament fis-somma ta' €2,655 li kien diġa' ġie mħallas mill-klient fuq l-invoice data 6 ta' Lulju 2016, biex iħalli l-bilanċ mitlub fl-invoice mehmuż mar-Rikors fis-somma ta' €5,378.50.

Il-konvenuti jargomentaw illi l-ebda ammont ma huwa dovut għax-xogħol ta' diżinni tas-servizzi marbuta mal-proġett oriġinali għaliex il-konfigurazzjoni tal-binja u ta' wħud mis-sulari baqgħu ma ġewx varjati, bir-riżultat li bosta mid-diżinni tas-servizzi kif imħejjija mill-attur, setgħu jintużaw ukoll għall-proġett kif ġie varjat. Jikkontendu wkoll illi fi kwalsiasi każ, l-attur xorta waħda kien ser jiġi kkumpensat għas-servizzi li kien diġa' ppresta qabel sar il-bdil fil-proġett għaliex il-persentaġġi maqbula li abbażi tagħhom kellha tinħadem ir-remunerazzjoni dovuta lill-attur (2.5%), kienu sejrin jiġu applikati fuq valur miżjud ta' xogħolijiet li kellhom jiġu eżegwiti minħabba l-bdil fl-iskop tal-proġett.

Il-konvenuti jsostnu wkoll illi l-pagament reklamat mill-attur għas-servizzi li ġew ipprestati in konnessjoni mad-diżinni oriġinali li dwarhom l-attur qed jitlob il-ħlas, ma għandux jitħallas għaliex jirreferi għal servizzi konsistenti f'diżinni li kienu saru mill-attur in konnessjoni mal-proġett orġinali u għalhekk abbażi ta' *layout* ta' binja li kienet ser takkomoda żewġ restaurants u mhux boutique hotel, liema diżinni ma kienux għadhom meħtieġa wara l-bdil fl-iskop tal-proġett.

L-attur ma jaqbilx li l-ħlas dovut lilu għas-servizzi debitament reżi iżda li in segwitu tilfu l-utilita' tagħhom, għandu jiġi kkumpensat biż-żieda proporzjonali fil-prezz stabbilit fil-ftehim skont iż-żieda fil-valur tax-xogħolijiet b'riżultat tal-varjazzjoni tal-proġett oriġinali.

Fix-xhieda tiegħu l-attur fisser illi d-dritt li qed jintalab il-ħlas tiegħu huwa dovut għax-xogħol tad-diżinn tas-servizzi. Xehed illi huwa kien għamel ħafna xogħol fuq l-ewwel proġett li ma setax jintuża fit-tieni proġett u għalkemm kien beda jaħdem ukoll fuq it-tieni proġett, il-klient ma riedx iħallas għax-xogħol li kien diġa' sar fuq l-ewwel proġett u baqa' qatt ma kkonferma li l-attur seta' jkompli jaħdem fuq it-tieni proġett taħt l-istess termini u kundizzjonijiet u bl-istess persentaġġi li ġew miftiehma in konnessjoni mal-ewwel proġett u għalhekk ix-xogħol fuq it-tieni proġett kien waqaf. Għalhekk talab il-ħlas tax-xogħol li kien laħaq sar fuq l-ewwel proġett li jinkludi dak

ix-xogħol li seta' jiġi applikat ukoll għat-tieni proġett. L-attur jaqbel illi x-xogħol li sar fuq id-diżinni tal-ewwel proġett ma kienx komplut għaliex kienu neqsin il-pjanti tal-*interior design* da parti tal-klient, u kien proprju għalhekk li ma setgħux joħorġu it-*tender documents* u jsir evalwazzjoni tat-tenders u lanqas inħarġu bills of quantities jew sar quantity surveying; madankollu ikkonferma li l-engineering documents bl-ispecifications kienu bdew isiru. L-inġinier Jonathan Bonett fix-xhieda tiegħu afferma illi d-diżinni tas-servizzi kien sar il-parti kbira minnhom.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma nġabitx prova li kien intlaħaq ftehim ieħor bejn il-partijiet fejn qablu espressament li d-dritt dovut għas-servizzi u xogħol li kien laħaq sar mill-attur in konnessjoni mal-proġett oriġinali, ma kellux jitħallas għaliex kien sejjer jiġi kkumpensat biż-żieda fil-valur tat-tieni proġett. Għalhekk, billi r-relazzjoni bejn il-partijiet baqgħet tiġi regolata mill-ftehim oriġinali, il-jedd tal-attur li jiġi kkumpensat għas-servizzi konsistenti *inter alia* f'xogħol ta' diżinni li jkunu tlestew fil-qafas tal-proġett mertu tal-istess ftehim, jibqa' bla mittiefes.

Kif ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc**[5]**:-**

"*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-*

[5] Deciza 7 ta' Ottubru 2004.

*diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.*"

Il-Qorti tqis illi l-klient ma jistax jibbenefika mill-fatt li xi diżinni minn dawk imħejjija mill-attur jistgħu jintużaw ukoll għall-proġett tal-lukanda. Id-dritt tal-attur għall-ħlas tas-servizzi u x-xogħol kollu li kien laħaq ġie mwettaq b'rabta mal-ewwel proġett qabel dan inbidel biex tiżdied lukanda kompriża fl-iżvilupp, huwa indiskutibbli anke għaliex kif inhuwa risaput in materja, teżisti presunzjoni favur in-non-gratuwita` tal-prestazzjoni tas-serviġi[6], u b'mod ġenerali, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għal vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi *omnia labor, optat premium*[7].

Il-Qorti tosserva wkoll illi s-servizzi kollha li ġew ipprestati mill-uffiċċju tal-attur matul is-snin 2015 u 2016, fosthom laqgħat, korrispondenza u ko-ordinazzjoni mal-klient, awtoritajiet, entitajiet u professjonisti oħrajn, ġew elenkati kollha fix-xhieda tal-Inġinier Jonathan Bonett. Minn eżami ta' Dok RTA, li jikkonsisti f'sett ta' diżinni bis-servizzi tal-proġett oriġinali, jirriżulta li jeżisti diżinn għal kull sular partikolari tal-binja kif ukoll għal kull servizz partikolari per eżempju għas-sistema ta' *airconditioning* jew sistema ta' *fire safety* f'kull sular. Diżinni li ma kienux ġew kompluti biss għaliex l-attur kien qed jistenna li jingħata informazzjoni dwar *interior design* mingħand il-klient, liema informazzjoni qatt ma waslet qabel inbidel l-iskop tal-proġett.

Għalhekk il-Qorti m'għandha ebda riżerva biex tqis illi s-servizzi li ġew reżi mill-attur u mill-impjegati tiegħu konsistenti fid-diżinni tas-servizzi li jifformaw il-mertu tal-ftehim ('*Updated Proposal for Consultancy and Design of MEP Engineering Services for Restaurant Complex at Baħar iċ-Ċagħaq*') għandhom jiġu kkumpensati anke jekk

---

6 **Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**, deciza fis-6 ta' Ottubru 1954 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.568).

7 **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005. Biex titwaqqa' l-presunzjoni li serviġi ngħataw bi speranza ta' kumpens, jeħtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni billi juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

dawn ma setgħux jintużaw iktar għaliex l-iskop tal-proġett inbidel mill-klient. Evidentement, il-klient kien issospenda r-relazzjoni kuntrattwali mal-attur fit-28 ta' Marzu 2017 wara li sar ix-xogħol li dwaru qed jiġi reklamat il-ħlas, u eventwalment kien ittermina wkoll l-appalt b'mod definittiv. Da parti tiegħu, l-attur qatt ma rrinunzja għall-jedd li jithallas tax-xogħolijiet li saru fil-qafas tas-servizzi rikjesti għall-proġett oriġinali u qatt ma esprima l-ħsieb jew aġixxa b'mod li huwa inkompatibbli mal-ħsieb li jirreklama l-kumpens dovut.

Għaldaqstant, għal dak li jikkonċerna s-servizzi reżi in konnessjoni mal-proġett oriġinali, l-attur kellu japplika t-termini tal-konvenzjoni biex jikkalkula d-dritt dovut lilu, ċioe' kellu japplika l-persentaġġ tas-servizzi kkuntrattati li kienu kompluti, għall-persentaġġ ta' 2.5% tal-valur tal-proġett.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li ġew imressqa mill-konvenuti l-Qorti fehmet ukoll illi r-rifjut tagħhom għall-ħlas lill-attur tal-ammont minnu reklamat huwa msejjes ukoll fuq l-allegazzjoni li minkejja l-proġett li dwaru l-attur ġie ingaġġat, inbidel, l-attur baqa' jaħdem fuq diżinni li ma kienux għadhom applikabbli u s-servizzi ipprestati minnu fir-rigward kienu ġew reżi għal xejn. Il-konvenut Roderick Bartoli xehed illi in segwitu għall-ewwel pagament magħmul lill-attur, il-konsultazzjonijiet baqgħu għaddejjin iżda diżinni oriġinali ma ġewx iffinalizzati ħlief wara t-28 ta' Marzu 2017.

Il-konvenuti jikkontendu wkoll illi d-diżinni li dwarhom intalab il-ħlas fl-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016, ma kienux lesti fid-data meta nħareġ l-invoice għaliex dawn id-diżinni baqgħu qatt ma ngħatawlhom ħlief wara t-28 ta' Marzu 2017 meta ma kienux għadhom meħtieġa, li jfisser li l-attur baqa' jaħdem fuq diżinni meta huwa kien diġa' jaf li ma setgħux jiġu utilizzati. B'żieda ma' dan, jargomentaw li d-diżinni li ġew ipprovduti mill-attur kienu jikkonsistu biss fi sketches ibbażati fuq id-diżinni tal-perit tal-proġett li għalihom kien diġa' ġie mħallas l-ammont ta' €2,655 fid-9 ta' Diċembru

2016 liema ammont għandu għalhekk jiġi mnaqqas mill-ammont mitlub fir-Rikors promotur.

Da parti tiegħu, l-attur jirribatti billi jisħaq illi d-diżinni li kienu laħqu ġew imħejjija u li dwarhom qed jintalab il-ħlas, saru fir-rigward ta' diversi sistemi mekkaniċi li kienu meħtieġa fuq għadd ta' sulari tal-binja, u dan abbażi tal-pjanti li kienu ġew provduti mill-konvenuti lejn l-aħħar tas-sena 2015. Jinsisti li s-servizzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas kienu ilhom li ġew prestati u d-diżinni relattivi kienu lesti meta nħareġ l-invoice relattiv f'Diċembru 2016 u anke ferm qabel, fl-aħħar tas-sena 2015, tant illi l-konvenuti kienu ħallsu l-invoice maħruġ fis-6 ta' Lulju 2016 in konnessjoni max-xogħol tad-diżinni preliminari li abbażi tagħhom imbagħad ġew imħejjija d-diżinni in diżamina. Sostna wkoll illi l-konvenut Roderick Bartoli kien irrifjuta li jieħu dawn id-diżinni meta huwa kien ipprova jgħaddihomlu fil-laqgħa li saret fl-4 ta' April 2017.

L-attur saħaq ukoll fix-xhieda tiegħu illi l-pjanti kienu murija matul il-proġett kollu u kienu qed jiġu diskussi mal-klient u mal-Perit tal-proġett. Rigward il-fatt li lill-klient ma kienx ingħatatlu kopja tad-diżinni f'idejh, l-inġinier Jonathan Bonett xehed "*Konna niltaqgħu u niddiskutu il-process tax-xogħolijiet … sakemm ma kienux finalizzati, sett komplut, normali li ma nagħtux biċċiet, normali sett komplut nagħtu*" – "*kienu l-pjanti finali tas-servizzi li stajna niddiżinjaw*"[8]

B'riferenza għad-diżinni Dok, RTA dwar l-ewwel proġett, l-inġinier Jonathan Bonett ċaħad kategorikament illi huwa kien ħejja dawn id-diżinni jew finalizzahom biss wara li kien ġie mgħarraf mill-klient biex ma jitkomplewx jingħataw is-servizzi tagħhom u xehed: "*… dawk saru qabel ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex għandi nagħmel diżinni fuq pjanti skaduti … Saru qabel meta kien qed isir id-diżinn*".

Il-Qorti rat l-atti u hija konvinta fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet fuq il-preponderanza tal-provi illi d-diżinni li dwarhom qed jintalab il-ħlas (Dok. RTA) ġew imħejjija ferm qabel il-laqgħa li saret bejn il-partijiet fit-3 ta' April 2017 u illi dawn

[8] Xhieda tas-16 ta' Mejju 2022.

kienu saru matul is-sena 2016. Ma jagħmel ebda sens loġiku li dawn id-diżinni ma kienux għadhom lesti meta l-klient ġie mitlub iħallas tagħhom, wisq inqas huwa rejalistiku li dawn id-diżinni tħejjew biss fil-ftit jiem li għaddew bejn l-email mibgħut minn Jonathan Bonett fit-28 ta' Marzu 2017 - fejn ikkonferma li d-diżinni li kienu saru in konnessjoni mal-proġett oriġinali (abortive works)[9] kienu lesti u talab il-ħlas relattiv - u l-laqgħa bejn il-partijiet fit-3 ta' April 2017. Jirriżulta illi f'dik il-laqgħa, l-attur ipprova jagħti lill-konvenut Roderick Bartoli – li rrifjuta li jilqa' - kopja ta' dawn id-diżinni iżda l-konvenuti jikkontendu li dawn kienu biss *sketches* ta' wħud mid-diżinni, u mhux id-diżinni kompluti u f'kull każ, dawn id-diżinni baqgħu qatt ma waslu għandhom, lanqas ma ntbagħat kopja tagħhom permezz ta' email meta saret talba *ad hoc* minn Roderick Bartoli f'email li bagħat lil Jonathan Bonett fit-28 ta' Marzu 2017.

Madankollu, jibqa' l-fehma tal-Qorti li l-fatt waħdu li l-konvenuti baqgħu ma ngħatawx kopja tad-diżinni, mhux biżżejjed biex jissostanzja l-allegazzjoni li sa dakinhar meta ntalab il-ħlas tad-drittijiet għad-diżinni, dawn ma kienux kompluti jew ma kienux saru: il-Qorti tifhem illi f'ċirkostanzi fejn il-partijiet kienu ltaqgħu biss ftit ġranet wara li ġie mitlub kopja tad-diżinni biex jiddiskutu proprju dawn l-istess diżinni u biex tingħata kopja stampata tagħhom lill-klient, u fejn l-klient wera biċ-ċar li ma riedx iħallas id-dritt mitlub fuq dawn l-istess diżinni, m'huwiex irraġjonevoli li l-klient baqa' ma ngħatax kopja ta' dawn id-diżinni, *multo magis* meta ma jirriżultax li qabel it-28 ta' Marzu 2017 il-klient qatt talab espressament biex jingħata f'idejh kopja tal-istess diżinni u miżmum ferm ukoll il-fatt li jidher li l-klient ħallas l-ewwel invoice maħruġ fis-6 ta' Lulju 2016 biss diversi xhur wara.

B'żieda ma' dan, irid jingħad ukoll li l-konvenuti ma ressqu ebda prova konkreta u ebda evidenza kwalsiasi li turi illi l-attur għamel xogħol jew diżinni ħżiena jew mhux skont l-istruzzjonjiet mogħtija lilu: la xi korrispondenza b'talba biex id-diżinni jsiru mill-ġdid u lanqas ix-xhieda ta' espert *ex parte* li huwa kwalifikat biex jesprimi

[9] Elenkati fid-dokument mehmuż mal-email.

opinjoni teknika dwar l-allegat xogħol ħażin, fosthom fil-livelli tas-sistema tad-drenaġġ.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-konvenuti, għalkemm evidentement ma jaqblux mal-valur ta' €429,000 assenjat mill-attur u mill-inġinier Bonett bħala l-valur tax-xogħolijiet kollha li kienu fil-mira tas-servizzi kuntrattati taħt il-ftehim, ma għamlu xejn biex jirribattu b'mod effettiv ix-xhieda tal-attur dwar dan il-valur stmat, valur li l-attur xehed li kienet ibbażata fuq il-prezzijiet fis-suq. L-istess il-persentaġġ tax-xogħol ta' diżinni (60%) li ġie kwantifikat mill-attur bħala l-persentaġġ tax-xogħol li kien laħaq tlesta b'rabta mal-proġett oriġinali sakemm intbagħat il-kont mertu tal-kawża: il-konvenuti ma ġabu ebda prova li tqiegħed fid-dubju din ix-xhieda tal-attur u l-inġinier Jonathan Bonett li, bħala inġiniera kwalifikati li jirriżulta li ilhom għexieren ta' snin jipprestaw servizzi professjonali ta' inġinerija mekkanika u elettrika, għandhom jitqiesu bħala esperti fil-qasam. Għalhekk il-Qorti sejra tistrieħ fuq il-valur ta' €429,000 li ġie kwantifikat mill-attur u mill-inġinier Bonett bħala "*the estimated cost of works*"[10] skont il-ftehim.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti eċċipew ukoll li l-ammont mitlub mill-attur fis-somma ta' €5,398.50, huwa eċċessiv.

L-attur xehed illi f'Diċembru 2016 wara li kien ilu ma jisma' mingħand il-klient sa minn Settembru jew Ottubru tal-istess sena, huwa ddeċieda li joħroġ invoice għax-xogħol kollu li kien laħaq sar sa dak inhar in konnessjoni mal-proġett oriġinali tar-restaurant complex u ħareġ l-invoice data 15 ta' Diċembru 2016.

Il-Qorti wara li rat l-invoice datat 15 ta' Diċembru 2016 li l-ħlas tiegħu qed jintalab fil-kawża, tinnota inkonsistenzi netti fix-xhieda tal-attur fir-rigward dak li jirrappreżenta l-ammont ta' €5,378.50, u tosserva wkoll illi l-kalkoli li għamel fl-

[10] 'Remuneration' – klawsola (i).

Affidavit tiegħu jikkozzaw b'mod palezi mal-kontenut tal-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016.

Evidentement, meta l-attur ħareġ l-invoice bin-numru 1081623 fil-15 ta' Diċembru 2016, mehmuż mar-Rikors promotur, huwa ppretenda li l-ammont reklamat fih jitħallas *in toto,* tant illi fir-Rikors promotur tal-azzjoni, talab il-ħlas tal-ammont dovut skont dan l-istess invoice. F'dan l-invoice ma hemm xejn li jagħti x'jifhem li s-somma mitluba ta' €5,398.50 tirrappreżenta bilanċ dovut fuq drittijiet professjonali wara li t-tnaqqis tal-ammont li kien diġa' ġie mħallas fuq l-ewwel invoice tas-6 ta' Lulju 2016, iżda fl-Affidavit tiegħu, l-attur xehed illi biex wasal għas-somma ta' €5,398.50 huwa naqqas is-somma li kienet diġa' tħallset skont l-ewwel invoice datat 6 ta' Lulju 2016, fost kalkoli oħrajn.

Għandu jingħad ukoll illi l-fattura li qed jintalab il-ħlas tagħha f'din il-kawża ma fiha ebda spjega tal-kalkoli li wasslu għall-ammont reklamat u fil-fatt, imkien ma tispeċifika li s-servizzi li dwarhom qed jintalab il-ħlas jikkonsistu (i) f'sittin fil-mija (60%) tad-diżinni u xogħol ikkuntrattat b'rabta mal-proġett oriġinali, li minnhom erbgħin fil-mija (40%) biss setgħu jintużaw għall-proġett il-ġdid, u (ii) fix-xogħol li laħaq sar b'rabta mal-proġett il-ġdid. Lanqas seta' dan isir meta l-invoice inħareġ f'Diċembru 2016 u jirriżulta li l-laqgħat, diżinni u xogħol li seta' sar in konnessjoni mal-proġett tal-lukanda, saru wara Diċembru 2016.

Fil-fatt, l-attur ikkontradixxa ruħu meta sussegwentement, fl-aħħar parti tal-Affidavit tiegħu, fisser illi l-ammont mitlub fir-Rikors u fl-invoice maħruġ fil-15 ta' Diċembru 2016, jinkludi wkoll xogħol li sar in konnessjoni mal-proġett il-ġdid. Kemm hu hekk, kien xehed huwa stess illi bejn Ottubru u Diċembru 2016 sakemm sar il-ħlas tal-ewwel invoice (fid-9 ta' Diċembru 2016), il-klient ma kienx ikkomunika mal-uffiċċju tiegħu, filwaqt illi l-ewwel meeting li saret bejn l-Inġinier Jonathan Bonnett tal-uffiċċju tiegħu u l-*interior design*ers (Daa Haus) li ġew ingaġġati mal-klient fuq ix-xogħol ta' *interior design* tal-proġett il-ġdid, kien fis-17 ta' Frar 2017.

Il-Qorti tirravviża wkoll inkonsistenza bejn dak li xehed l-attur fl-Affidavit tiegħu - illi s-somma mitluba fl-invoice kienet tinkludi ħlas għal xogħol ta' diżinni li setgħu jintużaw għall-proġett il-ġdid u xogħol ta' diżinni li ma setgħux jintużaw, kif ukoll laqgħat li saru mal-*interior design*ers (Daa Haus) - u dak li jirriżulta mill-email li kien bagħat Jonathan Bonett lill-konvenut Roderick Bartoli fit-28 ta' Marzu 2017, fejn ippreċiża illi d-dritt mitlub (€4,290 eskluż VAT, kif jirriżulta mid-dokument anness mal-imsemmi email) jirrappreżenta '*the fees due on the drawings completed to date*', **mingħajr ebda distinzjoni bejn diżinni li jgħoddu għall-proġett il-ġdid u dawk li ma setgħux jibqgħu jintużaw, u fuq kollox, mingħajr ma saret riżerva dwar xi dritt ieħor li seta' kien dovut fuq ix-xogħol ta' diżinni li setgħu jintużaw għall-proġett il-ġdid**. L-inġinier Bonett ikkwantifika s-somma ta' €4,290 (eskluż VAT) bħala d-dritt dovut skont il-ftehim għax-xogħol ta' diżinni li kienu tlestew sa dak l-istadju in konnessjoni mal-proġett oriġinali ('*abortive works*')[11], ċioe' 2.5% tal-persentaġġ tax-xogħol li kellu jingħata għall-proġett oriġinali[12] u li kien komplut sa dakinhar, bl-applikazzjoni tal-persentaġġ ta' erbgħin fil-mija (40%) u mhux sittin fil-mija (60%) bħala l-persentaġġ ta' xogħol komplut skont il-ftehim.

Il-Qorti tqis illi l-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016, li *prima facie* jidher kien ilu li nħareġ lill-klient xejn inqas minn tliet xhur qabel l-email tal-inġinier Bonett bit-talba għall-ħlas, jinkorpora fih is-servizzi kollha dovuti għax-xogħolijiet li saru mill-attur u l-addetti fl-uffiċċju tiegħu sa dik id-data, irrispettivament u mingħajr qies tax-xogħolijiet li setgħu jintużaw fil-proġett il-ġdid u dawk li ma setgħux. Kieku kien hemm dovut xi dritt ieħor għax-xogħol ta' diżinni prestat għall-proġett oriġinali b'żieda ma' dak indikat fl-email tal-inġinier Bonett, il-Qorti tistenna li dan kien jiġi riżervat espressament fl-email tal-inġinier Bonnett. **Fil-fatt, fil-korrispondenza li segwiet l-email tal-inġinier Bonett, mibgħut mill-attur innifsu lill-konvenut Roderick Bartoli (Dok. CC10 sa Dok. CC12), ma jirriżultax illi l-attur għamel riferenza għal xi remunerazzjoni oħra li kien qed jiġi reklamat b'żieda mad-dritt indikat fl-email tat-28 ta' Marzu 2017, jew ippreċiża li d-dritt fis-somma ta'**

[11] Intqal fl-email illi din is-somma ma kienetx tinkludi xogħol li sar riferibbilment għat-tieni proġett abbażi tal-pjanti emendati ('revised layouts').
[12] Ikkalkulat fuq il-valur tal-proġett, li ġie stmat fis-somma ta' €429,000.

**€4,290 li jirriżulta mid-dokument mehmuż mal-email tal-inġinier Bonett, ma kienx korrettement maħdum**. Kemm hu hekk, fl-email li ntbagħat lill-konvenut b'elenku tal-minuti tal-laqgħa bejn il-partijiet fejn ġie diskuss ix-xogħol imwettaq abbażi tal-ftehim u r-remunerazzjoni pretiża fir-rigward, intqal "*The estimate of the fees due to C&C on the abortive works was based on the agreed value of 2.5% for the design and amounted to €4,290*". Ma sar ebda aċċenn għal remunerazzjoni separata dovuta b'żieda mas-somma ta' €4,290, għal xogħol ta' diżinni li ma kienux qed jitqiesu bħala *abortive works,* minkejja l-fatt illi l-konvenut Roderick Bartoli kien diġa' talab fl-email li bagħat bi tweġiba lill-inġinier Bonett fit-28 ta' Marzu 2017, is-sospensjoni tas-servizzi ta' inġinerija skont il-ftehim.

Fuq kollox, billi l-invoice datat 15 ta' Diċembru 2016 suppost inħareġ ferm qabel it-talba tal-konvenut biex jiġu sospiżi s-servizzi ta' inġinerija, id-distinzjoni li għamel l-attur fix-xhieda tiegħu meta kien qed ifisser kif inħadem id-dritt reklamat fl-imsemmi invoice, bejn *abortive works* u diżinni li setgħu jintużaw għall-proġett il-ġdid, ma tagħmel ebda sens għaliex l-attur kien għadu lanqas irċieva konferma jekk kienx sejjer jiġi inkarigat fuq il-proġett il-ġdid. Tant hu hekk, l-attur xehed li Roderick Bartoli ma kienx ikkomunika miegħu bejn Ottubru 2016 u Diċembru 2016.

Evidentement, l-uniku dritt professjonali li ma ġiex inkluż fis-somma ta' €4,290 mitlub fl-email ta' Jonathan Bonett, tjirreferi għar-remunerazzjoni dovut għal "*other meetings etc. held on the revised layouts*", mhux għal diżinni li saru għall-proġett oriġinali iżda li setgħu jintużaw ukoll għall-proġett kif estiż. Għandu jingħad ukoll illi l-attur innifsu xehed illi d-diżinni tal-*interior design* dwar il-proġett il-ġdid ingħatawlu biss f'Marzu 2017, li jfisser li ma setax ikun f'pożizzjoni li jiddetermina fil-15 ta' Diċembru 2016, id-data tal-ħruġ tal-invoice, liema diżinni setgħu jiġu utilizzati għall-proġett il-ġdid, wisq inqas meta *ex admissis,* ma setax ilesti d-diżinni tal-proġett oriġinali nnifsu għaliex qatt ma rċieva d-diżinni tal-*interior design* tal-proġett tar-restaurant complex mingħand il-klient. Kif taraha l-Qorti, jekk l-attur qatt ma kellu f'idejh id-diżinni tal-*interior design*ers għall-proġett tar-'restaurant complex' u ngħata d-diżinni tal-*interior design* għall-proġett tal-lukanda, biss f'Marzu tas-sena 2017,

diffiċilment jista' jitwemmen meta jgħid illi fil-15 ta' Diċembru 2016 huwa kien f'pożizzjoni jikkwantifika l-persentaġġ tal-prezz tax-xogħol ta' diżinni kompluti li seta' jintuża għall-proġett oriġinali (40%) u l-persentaġġ tal-prezz tax-xogħol ta' diżinni kompluti li setgħu jintużaw għall-progett tal-lukanda (20%).

Kollox magħdud, il-Qorti m'hijiex konvinta illi d-distinzjoni li saret mill-attur fix-xhieda tiegħu biex spjega kif kien inħadem l-ammont reklamat fl-invoice datat 15 ta' Diċembru 2016, bejn l-entita' u l-prezz tal-*abortive works,* u l-entita' u l-prezz tax-xogħol li sar fuq il-proġett oriġinali li kien applikabbli wkoll għas-servizzi meħtieġa fil-proġett il-ġdid, hija waħda rejali. Kif taraha l-Qorti, l-attur fl-Affidavit tiegħu ipprova jsib mezz kif jirrikonċilja l-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016 mad-dokument mibgħut lill-klient mill-inġinier Jonathan Bonett fit-28 ta' Marzu 2017; dan għamlu wkoll billi applika l-persentaġġ ta' 60% minflok 40% bħala l-persentaġġ li jirrappreżenta s-servizzi professjonali ta' inġinerija li kienu kompluti sa dak l-istadju mill-kumpless ta' servizzi li kienu maħsuba fil-ftehim, kif ukoll billi inkluda wkoll dritt dovut għal laqgħat mal-*interior design*ers, Daa Haus, fis-somma ta' €390[13], meta dawn il-laqgħat saru f'Marzu u April 2017 u ċioe' ferm wara d-data tal-ħruġ tal-invoice mertu tal-kawża. Ammonti li kif ingħad, diffiċilment setgħu kienu dovuti jew kwantifikati fil-15 ta' Diċembru 2016.

**L-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016 seta' jinkludi fih biss dawk il-prestazzjonijiet li saru sad-data tal-istess invoice 15 ta' Diċembru 2016, u mhux ukoll dawk li setgħu ġew prestati wara, sakemm mhux minnu li dan l-invoice inħareġ fil-15 ta' Diċembru 2016 iżda inħareġ ferm wara, fi stadju meta sar evidenti li l-partijiet ma kienux sejrin jilħqu kompromess dwar il-kontinwazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-attur u dwar l-ammont dovut abbażi tal-ftehim għal servizzi prestati b'rabta mal-proġett oriġinali, u ġie datat b'lura għall-15 ta' Diċembru 2016.**

**Għalhekk, tqis illi l-kontenut tal-email mibgħut mill-inġinier Bonett fit-28 ta' Marzu 2017, u d-dokument mehmuż miegħu, jirrappreżenta ir-realta' ta' dak li**

[13] Eskluż VAT.

**kien qed jiġi pretiż li huwa dovut mill-klient għax-xogħolijiet ta' diżinn u servizzi oħrajn reżi mill-attur u d-ditta tiegħu għall-proġett tar-'restaurant complex', il-proġett regolat mill-ftehim data 14 ta' Settembru 2015 u konsegwentement, is-somma ta' €4,290 tirrappreżenta l-valur tas-servizzi kollha li laħqu ġew reżi in konnessjoni mal-proġett tar-'restaurant complex', skont il-ftehim.**

Fil-fehma tal-Qorti, jekk ix-xogħol ta' dizinni skont il-ftehim li kien ġie komplut għall-proġett oriġinali, jirrappreżenta 40% tas-servizzi kollha li kellhom jiġu pprestati taħt il-ftehim, u dawn ġew kwantifikati fis-somma ta' €4,290 (eskluż VAT) u jekk, kif ġie affermat mill-attur fil-kalkoli li għamel fl-Affidavit tiegħu, l-ammont mitlub fl-ewwel invoice kien ġie mħallas akkont tant illi f'dawn il-kalkoli huwa stess naqqas din is-somma mid-drittijiet dovuti, jikkonsegwi neċessarjament illi s-somma ta' €2,655 għandha titnaqqas ukoll mill-ammont dovut għat-totalita' tax-xogħolijiet u servizzi prestati mill-attur għall-proġett tar-restaurant complex. Kemm hu hekk, l-attur stess xehed illi l-ammont mitlub fir-Rikors promotur jinkorpora fih ix-xogħol u diżinni <u>kollha</u> li laqħu saru abbażi tal-informazzjoni li kien tahom il-klient fuq medda ta' sena u nofs ta' servizzi u konsulenza. Għalhekk, jekk, kif saħaq l-attur, id-diżinni kienu tlestew kollha bejn l-aħħar tas-sena 2015 u l-bidu tas-sena 2016, dan ikompli jsaħħaħ it-teżi li l-ammont li ntalab il-ħlas tiegħu fl-invoice tas-6 ta' Lulju 2016 kien jinkludi diġa' l-ammont dovut għad-diżinni.

L-istatement of account datat 28 ta' Frar 2018 (Dok. CC13) ikompli jsaħħaħ din il-fehma tal-Qorti u fl-istess waqt, ixejjen il-kalkoli li għamel l-attur fl-Affidavit tiegħu. Dan qed jingħad għaliex is-somma ta' €5,398.50 terġa' tidher fl-istatement bħala ammont *ad hoc* dovut skont l-invoice tal-15 ta' Diċembru 2016 <u>b'żieda</u> mas-somma ta' €2,655 diġa' mħallas, u mhux bħala bilanċ dovut mill-prezz totali tas-servizzi reżi.

Għalhekk, kollox magħdud, il-Qorti tqis illi d-dritt dovut lill-attur għas-servizzi prestati taħt il-ftehim datat 14 ta' Settembru 2015 huwa ta' erbgħin fil-mija (40%) ta' 2.5% tal-valur tax-xogħolijiet li dwarhom kellhom jiġu reżi s-servizzi taħt il-ftehim (€429,000), ċioe' €4,290 pju' VAT, li jġib total ta' €5,062.20. Minn dan l-ammont

għandu jitnaqqas il-pagament akkont fis-somma ta' €2,655 li jħalli somma bilanċjali ta' €2,407.20.

Ma' dan l-ammont għandu jiżdied l-ammont ta' €390 pju' VAT rappreżentanti x-xogħol addizzjonali li ġie prestat b'rabta mal-proġett kif estiż, ċioe' laqgħat u xogħol anċillari fuq ir-*revised layouts,* liema xogħol ġie kwantifikat espressament mill-attur fl-Affidavit tiegħu fis-somma ta' €390 eskluż VAT u ma ġiex kontestat espressament mill-konvenuti. Il-Qorti tqis illi dan id-dritt huwa dovut lill-attur bl-applikazzjoni tal-prinċipju *omnia labor, optat premium*, li diġa' ġie kkunsidrat qabel, kif ukoll bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 213 tal-Kapitolu 12 li jagħtu s-setgħa lil din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, sabiex tiddeċiedi fuq jedd ieħor li jiġi ppruvat, għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali fir-Rikors.

**Għaldaqstant, l-ammont li huwa raġjonevolment dovut mill-klient għax-xogħol u servizzi kollha prestati mill-attur taħt il-ftehim huwa fis-somma bilanċjali ta' €2,407.20 pju' €460.20[14], jew total ta' €2,867.40.**

Għall-kompletezza, u b'riferenza għal dak li ġie eċċepit fis-sitt paragrafu fir-Risposta, għandu jingħad illi l-konvenuti ma ressqu ebda provi kwalsiasi li huma kellhom iħallsu xi spejjeż lil terzi konsulenti li kellhom jiġu ingaġġati minħabba nuqqasijiet imputabbli lill-attur fil-provvizjoni tas-servizzi ta' inġinerija taħt il-ftehim, jew minħabba xi dewmien ikkawżat fl-eżekuzzjoni tal-proġett. F'kull każ, kif diġa' ġie stabbilit, ma ġie riskontrat ebda nuqqas fil-provviżjoni tas-servizzi ta' inġinerija lill-konvenuti jew xogħol imwettaq ħażin jew mhux skont -l-istruzzjonijiet mogħtija.

Għaldaqstant, is-sitt eċċezzjoni hija bla bażi u għandha tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

---

[14] €390 + VAT.

Illi diġa' ġie deċiż - fis-sentenza preliminari mogħtija fl-24 ta' Settembru 2020 fejn ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti - illi jeżisti rapport ġuridiku innegabbli bejn l-attur u l-konvenut Roderick Bartoli u minkejja li l-konvenut xehed[15] illi huwa impjegat mas-socjeta` konvenuta Falbra Limited bhala *projects manager* u illi kienet f'din il-kapacita` li huwa ffirma l-ftehim mal-attur, il-fatt jibqa' illi l-konvenut Roderick Bartoli ikkuntratta personalment u f'ismu proprju għall-ħlas tal-ammonti dovuti għas-servizzi prestati mill-attur mingħajr ebda indikazzjoni fil-ftehim li kien qed jirrappreżenta lil terzi.

Il-fatt illi l-proġett ta' żvilupp li dwaru ġew kuntrattati s-servizzi ta' inġinerija tal-attur, kien qed jiġi eżegwit minn Falbra Limited u mhux mill-konvenut Roderick Bartoli, m'huwiex determinanti biex jiġi stabbilit ir-responsabbilita' għall-ħlas tad-drittijiet dovuti lill-attur, bħalma hija wkoll immaterjali l-kwistjoni tat-titolu tal-proprjeta' tal-binja li dwarha ġew prestati s-servizzi. Fil-każ in diżamina, il-Qorti hija rinfaċċjata bi ftehim bil-miktub ikkuntrattat esklussivament bejn l-attur u l-konvenut Roderick Bartoli *de proprio*, li minnu jirriżulta li kien l-istess konvenut li talab għas-servizzi tal-attur u aċċetta espressament l-obbligu tal-ħlas tar-remunerazzjoni stipolata fil-ftehim, u ħadd iktar.

Il-Qorti stenniet, biex jintwera b'mod sodisfaċjenti li Roderick Bartoli tassew kien qed jikkuntratta f'isem il-kumpannija Falbra Limited, li tara fl-atti prova konkreta li huwa kien deher fuq il-ftehim bis-saħħa ta' prokura jew kien b'xi mod ieħor awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi tas-soċjeta' konvenuta biex jaġixxi għan-nom tagħha u jikkuntratta f'isimha, jew inkella prova tal-impieg tal-konvenut mal-kumpannija jew kopja tal-kuntratt ta' servizz relattiv, f'liema każ dan kien ikun biżżejjed biex tingeħleb il-presunzjoni li l-konvenut ikkuntratta f'ismu personali.

[15] 10 ta' April 2018.

Japplika hawnhekk l-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fil-kawza taghha fl-ismijiet **Joseph Chetcuti nomine vs Peter Paul Camilleri** deciza fl-4 ta' Dicembru 1988 fejn inghad li:

"*F'dan ir-rigward hija gusta l-osservazzjonijiet tas-socjeta appellata illi l-gurisprudenza hija stabbilita fis-sens illi meta wiehed jikkuntratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita giuridika separata.*"

Il-fatt illi Falbra Limited aċċettat l-obbligu għall-ħlas tar-remunerazzjoni dovuta lill-attur għaliex *ex admissis* il-proġett huwa tagħha u Roderick Bartoli huwa biss impjegat tagħha, m'huwiex biżżejjed fiċ-ċirkostanzi biex jeskludi r-responsabbilita' kuntrattwali tal-istess Roderick Bartoli għall-obbligu ta' kwalsiasi ħlas dovut lill-attur taħt il-ftehim. Konsegwentement, il-Qorti ma taqbilx li l-attur kien żbaljat meta ħarrek lill-konvenut Roderick Bartoli għall-ħlas tal-ammont pretiż minnu. Għalkemm sejra taċċetta bħala fatt, abbażi tax-xhieda tal-konvenuti, illi l-proġett mertu tal-ftehim huwa tas-soċjeta' konvenuta, mhux sejra twarrab ir-responsabbilita' kuntrattwali tal-konvenut Roderick Bartoli u tqis li fiċ-ċirkostanzi, il-konvenuti għandhom iwieġbu solidalment għall-obbligazzjoni tal-ħlas tal-ammont li ġie stabbilit li hu dovut lill-attur in bażi għall-ftehim.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel u tieni eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenuti u tiċħad it-tielet, ir-raba' u s-sitt eċċezzjonijiet, qiegħda tilqa' l-ħames eċċezzjoni u konsegwentement tilqa' biss parzjalment it-talba tal-attur billi tikkundanna lil RODERICK BARTOLI u lil FALBRA LIMITED *in solidum* iħallsu lil CARMEL CUSCHIERI eżerċenti l-professjoni bħala 'Camilleri and Cuschieri Consulting Engineers' is-somma ta' elfejn tmien mija u sebgħa u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€2,867.40) dovut bħala bilanċ ta' drittijiet għal servizzi professjonali forniti taħt il-ftehim datat 14 ta' Settembru 2015, bl-imgħax mit-28 ta' Marzu 2017, id-data tat-talba għall-ħlas tal-obbligazzjoni kummerċjali.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti *in solidum*.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT**